**Qorti Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Att ta' Akuza Nru: 7 / 2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Faisal Mohammed M. Wadi**

**<u>Illum 5 ta' Settembru, 2023</u>**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 7 tas-sena 2023 migjuba fil-konfront tal-akkuzat Faisal Mohammed M. Wadi. Ta' sitta u erbghin (46) sena, iben Mohamed u Mona Abejt, imwieled Ghirian, Libja nhar il-hmistax (15) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija sitta u sebghin (1976), resident Casa Simone, Triq id-Dragun, Qormi detenur tal-karta tal-identita' Maltija 37956A fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ipremetta:

**L-EWWEL (1) Kap -** ***Assoċja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-gżejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw f'dawn il-gżejjer droga (Herojina)***

**Il-fatti:**

Illi fis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil-ġranet ta' qabel, Faisal Mohammed M. Wadi minn issa l-quddiem jissejjaħ l-akkużat', xjentement iddeċieda illi jassoċja ruhu ma persuna/i oħra bil-għan illi jbiegh jew jittraffika d-droga, u cioe' l-herojina f'Malta ghall-fini tat-traffikat.

Illi mill-investigazzjoni jirriżulta li nhar is-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghal-habta tal- hdax (11:00) ta'filgħodu, Uffiċjali tad-dwana gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta sabu sustanza mohbija ġewwa bagalja ta' ċertu Anna Spiteri. Anna Spiteri kienet għada kif waslet lura lejn Malta minn titjira gejja mit-Tuneżija.

Meta l-bagalja ta' Anna Spiteri ġiet miftuha u saret tfittxija ġewwa fiha minn Uffiċjali tad-Dwana, fil-bagalja instabu żewġ *laptop* cases vojta. Fil-*lining* ta' dawn 1-oggetti, cioe tal-laptop cases, l-Uffiċjali tad-Dwana sabu sustanza kannella li huma ssuspettaw li kienet id-droga herojina. Skond ir-rapport tal-espert mahtur mill-Qorti Godwin Sammut, espert fil-kimika mill-Universita' ta' Malta, ikkonferma li din is-sustanza kienet infatti herojina, li kienet ta' tlett clef, erba' mija u erbgha u erbghin punt disgha (3444.9) grammi u cioe tlett kilos, erba' telef, erba'mija u disa' u erbghin grammi (3.4449 kg) fil-piż, bil-purita ta' circa tnejn u tletin fil-mija (32%) u bil- valur fis-suq li jammonta ghal mija u tmienja u hamsin elf, erbgha mija u hamsa u sittin Ewro u erbghin centezmu (€158,465.40). L- ammont tad-droga herojina li nstabet fil-bagalja ta' Anna Spiteri juri li din id- droga ma kenitx għal-użu personali ta' Anna Spiteri jew ta' Faisal Mohammed M. Wadi (Iktar l-isfel magħruf bħala l-akkużat).

Anna Spiteri ġiet mitkellma mill-Pulizija, fejn sostniet li ma kenitx taf fuq is-sustanza illecita li kellha fil-bagalja għax il-bagalja tagħha ġiet mixtrija u ppakjata mill-persuna li kienet qattet numru ta' granet fit-Tuneżija, ċċertu Naji Ahmad Mohamed Al Maraash. Anna Spiteri kompliet tinsisti li Naji Ahmad Mohamed Al Maraash qalilha li huwa xtaqha tniżżel xi rigali ghall-familjari tiegħu lura Malta. Anna Spiteri spjegat lill-Pulizija li l-ftehim li kellha kien li kellhom jigbruha il- hbieb ta' Naji Ahmad Mohamed Al Maraash, żewġ persuni, żewġt irġiel, fejn hija kellha tagħti l-bagalja li

niżlet mit-Tuneżija lilhom, sabiex huma jiehdu dak li kien hemm fil-bagalja, u dawn iż-żewġ persuni kellhom jerġaw jehdulha l-bagalja lura fejn hija kienet se toqod għal lejl, li kellha tkun lukanda tas-Sliema.

Malli semghu dan, il-Pulizija marru jfittxu lil dawn iż-żewgt irġiel ġewwa l-*Arrivals Hall* tal-Ajruport Intemazzjonali ta'Malta. Hemmhekk, huma sabu u arrestaw lil ċertu Mohammed Margash u ċertu Issam Zbeta. Mohammed Margash huwa hu Naji Ahmad Mohamed Al Maraash u t-tnejn ikkonfermaw li huma kienu jafu min hi Anna Spiteri.

Mohammed Margash qal lil Pulizija li huh Naji Ahmad Mohamed Al Maraash kien ċempillu fis-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) biex huwa jmur jiġbor lil Anna Spiteri mill-arjuport u jehodha ġewwa lukanda. Huwa kompla billi jgħid illi huwa irċieva telefonata ohra, din id-darba fis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) mingħand l-akkuzat Faisal Mohammed M. Wadi, jghidlu biex jmur jigbor mara mill-Ajruport u jehodha gewwa lukanda. Skond l-istess Mohammed Margash, l-akkuzat Faisal Mohammed M. Wadi kien mar l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u ghadda mitt ewro (€100) lilu kif ukoll lil Issam Zbeta, biex minnhom jhallsu l-lukanda għall- Anna Spiteri, u jieħdu l-hlas tagħhom għal biċċa tax-xoghol li għamlu.

Issam Zbeta qal ukoll li l-akkuzat Faisal Mohammed M. Wadi kellu n-numru tal-mowbajl ta' Anna Spiteri, għaliex l-akkuzat Faisal Mohammed M. Wadi darba kien gabar lil Anna Spiteri mill-ajruport bil-vann tieghu. Issam Zbeta kompla jgħid illi kien l-akkuzat Faisal Mohammed M. Wadi li ta n-numru tal-mowbajl ta'Anna Spiteri lilu, biex jekk ma jarafiex hu u jiġbora mill-Arjuport u jkun jista jċemplilha;

Illi l-akkuzat Faisal Mohammed M. Wadi gie arrestat fit-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008). Faisal Mohammed M. Wadi nnega dak kollhu li ntqal fuq id-droga li nstabet u l-involviment tieghu f'dan it-traffikar. Meta gie mistoqsi x'kien qed jagħmel l-Ajruport, qal li huwa kellu jkun hemm biex jiltaqa' ma' Issam Zbeta biex iħallsu għal xi xogholijiet li huwa kien għamel għalih;

Meta sar konfront bejn Mohammed Margash u Issam Zbeta u l-akkuzat Faisal Mohammed M. Wadi fejn gew murija messaġġ forma ta' SMS li kien jaqra "Fil- 11.00 ta' filgħodu", li ntbagħt wara telefonata li Faisal Mohammed M. Wadi huwa kien għamel lil Mohammed Margash. L-akkuzat Faisal Mohammed M. Wadi baqa jgħid li huwa baghat dak il-messaġġ lil Mohammed Margash biex jiċċekkjalu l- posizzjoni ta' karozza li ma setgħatx tinbiegħ minħabba li kellu xi liċenzji b'lura, iżda Mohammed Margash u Issam Zbeta komplew jinsistu li l-verzjoni li ta l- akkuzat Faisal Mohammed M. Wadi lil Pulizija ma kienitx waħda veritiera, u baqaw jinsistu fuq dan quddiem l-akkuzat fejn spjegaw li dan il-messaġġ kien effettiment qiegħed jirreferi għal hin li fih kien se jasal Malta l-ajruplan li fuqu kienet qed tivvjagga Anna Spiteri;

Għalhekk, wieħed jista jara katina ta' nies li qed jiftiehmu bejniethom ghall-ghan ahhari ta' traffikar fammont konsiderevoli tad-droga herojina f'Malta B'hekk effettivament, l-akkuzat Faisal Mohammed M. Wadi assoċja ruhu ma numru ta' nies, kemm ġewwa Malta u barra minn Malta, sabiex tiġi traffikata u tinbiegħ d- droga Herojina fil-gżejjer Maltin.

Illi d-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab mal- Ordinanza dwar il-Mdicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

**Il-konsegwenzi:**

Għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Faisal Mohammed M. Wadi** sar hati talli assoċja ruhu ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-gżejjer jew barra minn dawn il-gżejjer sabiex ibiegħu jew jitraffikaw f'dawn il-gżejjer 1- Herojina, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluži, Kapitolu **101** tal- Ligijiet ta' Malta jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni.

**L-akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Generali, fisem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ- ċirkostanzi kollha, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 1 fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, takkuża lill-imsemmi **Faisal Mohammed M. Wadi**, hati talli fis- sbatax (17)

ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer assoċja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-gżejjer jew barra minn dawn il-gżejjer sabiex ibieghu jew jitraffikaw f'dawn il-gżejjer droga (Herojina), bi ksur tad-disposizzjonijiet tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw tali assoċjazzjoni.

**<u>Il-piena mitluba:</u>**

Konsegwentement l-Avukat Generali titlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Faisal Mohammed M. Wadi** u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta'prigunerija għall-għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (EUR 2330) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf u hames mitt Euro (EUR 116,500) u l-konfiska favur il-gvem kemm tal-oggetti kollha li servew biex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli jew immobbli ohra tieghu, skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 2, 9, 22 (1) (a) (1) (1A) (1B), 22 (2) (a) (1) (3A), (9), 22A, 24, 24A, 26 u 28 tal-Ordinanza Dwar il- Medicini Perikoluži, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-regola 4 u 9 tal-Ligi Sussidjarja 101.02 u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista` skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**It-TIENI (2) KAP - Importa, jew gieghel li tiġi importata jew għamel xi haga sabiex tiġi importata medicina perikoluża (Herojina) f'Malta**

**<u>Il-fatti:</u>**

Fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti imsemmija aktar 'il fuq fl-ewwel (1) kap ta' dan l-Att tal-Akkuża, u cioè fis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għal-habta tal- hdax (11:00) ta'filgħodu, Uffiċjali tad-Dwana ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta sabu sustanza moħbija ġewwa bagalja ta' ċertu Anna Spiteri. Anna Spiteri kienet għada kif waslet lura lejn Malta minn titjira li kienet ġejja mit-Tunezija. Il-Pulizija arrestaw lil Anna Spiteri ġewwa l- Ajruport Internazzjonali

ta'Malta b'konnezzjoni mal-impurtar ta' ammont sostenzjali ta' droga herojina bi skop ta'traffikar tad-droga.

Illi sussegwentement bħala parti mill-investigazzjoni tal-Pulizija, fis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghal-habta tal-hdax (11:00) ta' filgħodu ġew arrestati ukoll Mohammed Margash u Issam Zbeta, liema zewg persuni kienu qed jistennew lil Anna Spiteri ġewwa l-Ajruport sabiex jehdula 1- bagalja fejn kien hemm id-droga u jwassluha ġewwa lukanda.

Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija irrizulta wkoll li Mohammed Margash u Issam Zbeta ircivew struzzjonijiet mill-akkuzat Faisal Mohammed M. Wadi biex huma jigbru lil Anna Spiteri mill-ajruport, johdulha l-bagalja bid-droga herojina u jehduha ġewwa lukanda.

Illi mill-ezami tas-sustanza suspettata dorga li nstabet fil-bagalja jirrizulta mir- rapport tal-espert mahtur mill-Qorti Godwin Scerri, espert fil-kimika mill- Universita' ta' Malta, li din is-sustanza kienet infatti herojina, li kienet ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u erbghin punt disgha (3444.9) grammi u cioe tlett kilos, erba' telef, erba'mija u disa' u erbghin grammi (3.4449 kg) fil-piż, bil-purita ta' circa tnejn u tletin fil-mija (32%) u bil-valur fis-suq li jammonta għal mija u tmienja u hamsin elf, erbgha mija u hamsa u sittin Ewro u erbghin centezmu (€158,465.40).

L-akkuzat Faisal Mohammed M. Wadi b'għemilu u bl-istruzzjonijet li huwa ta, kien qed jiffaċilita' li tiġi importata ammont sostanzjali, dik ta' 3.4449 kg fil-piż ta' droga herojina, billi huwa kien il-persuna li mexxa l-parti tal-operazzjoni tat- traffikar li kienet se issehh fuq il-gżejjer Maltin, bħala l-persuna li kellha tasal għandu d-droga bhala d-destinazzjoni finali tagħha qabel ma kienet tinbiegħ.

Mill-ammont ta' droga li nsabet, li kienet wahda konsiderevoli, jidher li ma kinitx biss għal użu personali tal-akkuzat iżda biex din tigi traffikata.

Illi d-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mdicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

**Il-konsegwenzi:**

Għalhekk, b'ghemilu, l-akkużat **Faisal Mohammed M. Wadi** sar hati talli fis- sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) jew il-granet ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer importa, jew gieghel li tigi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tkun tista tigi importata medicina perikoluza u cioe' d-droga Herojina f'Malta.

**L-akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Generali, fisem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 1 fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, takkuża lill-imsemmi Faisal Mohammed M. Wadi, hati talli fis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) jew il-granet ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer importa, jew giegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tigi importata medicina perikoluza u cioe' d-droga herojina f'Malta.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Generali titlob illi jingħamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkużat **Faisal Mohammed M. WADI** u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta'prigunerija għall-għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Ewro (EUR 2330) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf u hames mitt Ewro (EUR 116,500) u l-konfiska favur il-gvern kemm tal-oggetti kollha li servew biex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tieghu, skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 2, 9, 15A, 22 (1) (a), (2) (a) (1), (3A), (9), 22A, 24, 24A, 26 u 28 tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluži, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali (Kap. (tal-Ligijiet ta' Malta) jew għal kull piena oħra li tista skond il-Liġi tingħata ghall- htija tal-imsemmi akkużat.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-akkuzat Faisal Mohammed M. Wadi, pprezentata fir-registru ta' din l-Onorbbli Qorti nhar is-6 ta' Marzu, 2023 fejn permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu mmarkata bhala A1 espona bir-rispett li:

1. Il-proceduri kollha tmexxew kontra l-persuna tal-akkuzat bl-isem hekk kif postulat fl-Att t'Akkuza odjern. Dana minkejja dak mistqarr mill-Qorti Kriminali nhar it-3 ta' Marzu, 2009 a fol. 334 u 335 fejn dik il-Qorti hekk kif prreseduta gharrfet li l-isem korrett tal-akkuzat huwa hekk kif irrapurtat fil-*conviction sheet* esebita a fol. 12 tal-atti processwali ossia Faisal Musbah Ali Wadi. B'hekk illi l-Att t' Akkuza u l-atti tal-istruttorja huma nulli u bla effett stante li qeghdin jittrattaw persuna fittizja li ma hijiex il-persuna tal-akkuzat odjern u dana bi ksur tal-artikolu 589(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi nhar l-20 ta' Lulju, 2023 il-partijiet qablu illi tigi trattata biss l-eccezzjoni sucitata u ghalhekk din il-Qorti sejra tiddecidi biss fuq l-istess eccezzjoni.

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-akkuzat qieghed jitlob in-nullita' tal-Att t'Akkuza u l-atti tal-istruttorja ghaliex dawn qed jittrattaw persuna fittizja li ma hijiex il-persuna tal-akkuzat. Dan qed jghidu in vista ta' dak li l-Qorti qalet nhar it-3 ta' Marzu, 2009 a fol. 334 u 335 fejn l-akkuzat qed jghid li l-Qorti gharrfet li l-isem korrett tal-akkuzat huwa hekk kif irrapurtat fil-*conviction sheet* esebita a fol. 12 tal-atti processwali ossia Faisal Musbah Ali Wadi.

Din il-Qorti ghalhekk bdiet billi fliet fol. 12 tal-process u cioe' l-fedina penali, fejn l-isem imnizzel hu ta' Faisal Musbah Ali Wadi. Il-Qorti fuq net ta'dan id-dokument setghet tinnota wkoll il-kliem b'inka hadra '*may be same person*'.

Illi fol. 331 tal-process inghad illi mill-fedina esebita jirrizulta li l-akkuzat kien gie ddikjarat immigrant projbit u fil-konfront tieghu inhareg ordni ta' tnehhija b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 t' April 2002.

Illi fol. 334 u 335 tal-process, il-Qorti nnutat is-segwenti:

*'Peress li mill-kumpless tal-provi mismugha fl-imsemmija zewg udjenzi din il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrent dahal Malta b'passaport f'isem differenti minn dak li kellu meta kien gja jinsab Malta fl-2002 u kien inhareg kontra tieghu removal order, u li jidher li anke ghamel xi alterazzjonijiet fil-passaport tieghu vigenti biex ikun jista' jqarraq bl-awtoritajiet lokali; dana jispjega in fatti, ghala meta s-Supretendent Stephen Gatt kien talab lir-rikorrent il-passaport, dan qatt ma kien ikkonsenjahulu'*

Illi minn harsa lejn l-Artikolu 589 tal-Kodici Kriminali jidher li l-akkuzat ried jaghmel referenza ghas-sub-inciz (b) u mhux (c) peress li dawn jistipulaw is-segwenti:

*'L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu:*

***(b) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;***

*(ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena;'*

Illi fit-trattazzjoni orali, id-difiza elaborat billi ghamlet referenza ghal fol. 363 tal-atti processwali fejn wiehed jista' jsib dokument mmarkat bhal Dok AA1 fejn qed jghid li l-isem tal-akkuzat huwa Faisal Mohammed Musbah Ali Wadi. Dokument AA1 huwa traduzzjoni ta' dokument AA esebit in atti a fol. 362 tal-process. Ix-xhud Galal Belaama[1] ikkonferma bil-gurament illi Dok AA1 huwa traduzzjoni ta' Dok AA. Illi a fol. 372 tal-process, l-Avukat Generali kien ghamel rinviju fejn talab li l-isem tal-akkuzat jigi kkoregut kif jidher a fol. 363 u biex a tenur l-Artikolu 432(2) tal-Kodici Kriminali l-Qorti joghgobha tibda l-kumpilazzjoni mill-gdid. Illi a fol. 374 tal-atti processwali jirrizulta li l-Qorti laqghet it-talba tal-Avukat Generali u awtorizzat il-korrezzjoni fejn l-isem tal-akkuzat kellu jinbidel ghal 'Faisal Mohamed Musbah Ali

[1] Fol. 364 et seq tal-process.

Wadi'. Sussegwentament, a fol. 375 tal-process rega' sar l-ezami tal-akkuzat fejn dan wiegeb mhux hati. Madankollu, d-difiza qed tenfasizza illi minkejja li l-ezami sar, la nqraw mill-gdid l-akkuzi tenut kont tal-korrezzjoni u lanqas ma nghata digriet *prima facie* mill-gdid. Ghaldaqstant dan iwassal ghan-nullita' tal-att t'akkuza ai termini l-Artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> *'L-att tal-akkuża ma jistax jiġi attakkat minħabba difetti fl-atti tal-kompilazzjoni, u l-akkużat lanqas ma jista' jitlob li, minħabba xi wieħed minn dawk id-difetti, il-kawża ma tgħaddix 'il quddiem fuq dak l-istess att ta' akkuża,* ***ħlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas għal kollox tal-qari tal-akkużi jew tal-eżami tal-imputat jew tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, inkella fir-rifjut tal-qorti istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma' l-provi miġjubin mill-imputat****; bla ħsara dejjem tal-jedd tal-akkużat u tal-Avukat Ġenerali li jopponi li jinġieb fil-kawża xi att li ma jkunx magħmul skont il-liġi, u li jkun irid jinġieb sabiex bih issir xi prova.'*

Din il-Qorti rat il-verbal datat 25 ta' Gunju, 2009[2] fejn specifikament gie imnizzel li sar l-ezami mill-gdid tal-imputat u li Dr Arthur Azzopardi ghall-imputat ezenta lill-prosekuzzjoni milli ttella' x-xhieda diga' mismugha u dan dejjem salv ghad-dritt tal-kontro-ezamijiet u eccezzjonijiet li jistghu jsiru fi stadju opportun. Mkien mill-verbal ma jirrizulta li nqraw l-akkuzi jew li nghata digriet *prima facie*, u dan meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni li fuq talba stess tal-Avukat Generali kien gie mitlub li l-kumpilazzjoni terga' tibda mill-gdid. Gialadarba l-kumpilazzjoni regghet bdiet mill-gdid kemm il-qari tal-akkuzi, kif ukoll id-digriet *prima facie* kellhom jergghu jsiru w li kieku d-difiza ma ezentatx lill-prosekuzzjoni milli terga' tisma' x-xhieda, dawn kien ikollhom jerghu jixhdu. Dan mhux xi kaz fejn gie verbalizzat li dan sar, izda ma jirrizultax mill-atti.[3] Fil-kaz odjern la gie verbalizzat u lanqas ma jirrizulta mill-atti li nqraw l-akkuzi u li nghata digriet *prima facie.* Ghaldaqstant, stante li dan in-nuqqas

---

[2] Fol. 374 tal-process.
[3] Ara **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Bartolo** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar id-29 ta' Mejju, 2008.

iwassal ghan-nullita' kemm tal-atti kumpilatorji kif ukoll ghall-Att t'Akkuza ai termini tal-Artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti, sejra tghaddi sabiex taghmel dan.

Ghalhekk din il-Qorti, rinfaccata bin-nuqqas tal-qari tal-akkuzi u d-digriet li l-imputat ghandu jitqieghed taht att ta' akkuza, ma tistax hlief tiddikjara l-att tal-kumpilazzjoni nulli u kwindi tiddikjara ukoll null l-Att ta' l-Akkuza odjern bhala null u bla effett fil-konfront tal-akkuzat odjern u, wara li rat l-artikolu 449(6) tal-Kodici Kriminali, tordna li l-akkuzat jerga' jigi imqieghed fl-istess stat li kien qabel ma gie prezentat l-att ta' l-akkuza.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**